

Brussell, 1 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11287/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0268 (NLE)**

**ATO 34
CADREFIN 318**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Ġunju 2026
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10568/26	
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/101 - Approċċ ġenerali parzjali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test tal-approċċ ġenerali parzjali dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/101, maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fid-29 ta' Ġunju 2026.

2025/0268 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja għall-perjodu 2028-2034, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/101

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu u l-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Nru 4 meħmuż miegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina meħmuż mal-Att ta' Adeżjoni tal-2003¹, il-Litwanja impenjat ruħha li tagħlaq l-Unità 1 u l-Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina sal-31 ta' Diċembru 2004 u l-31 ta' Diċembru 2009 rispettivament, u li mbagħad tgħaddi għad-dekummissjonar ta' dawk l-unitajiet.
- (2) F'konformità mal-obbligi tagħha skont l-Att tal-Adeżjoni, u bl-assistenza tal-Unjoni, il-Litwanja għalqet iż-żewġ unitajiet fl-iskadenzi rispettivi u għamlet progress sinifikanti favur id-dekummissjonar tagħhom. Hemm bżonn aktar ħidma biex ikompli jonqos il-livell tal-periklu radjoloġiku. Abbażi tal-istimi disponibbli, għal dan il-għan wara l-2027 hemm bżonn riżorsi finanzjarji addizzjonali.

¹ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 944, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/acc_2003/act_1/pro_4/sign.

- (3) Id-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari kopert minn dan ir-Regolament irid isir f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza nukleari, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom², u dwar l-immaniġġjar tal-iskart, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom³. Skont din il-leġiżlazzjoni, ir-responsabbiltà aħħarija għas-sikurezza nukleari u għas-sikurezza tal-fjuwil użat u tal-immaniġġjar tal-iskart radjuattiv tibqa' tal-Litwanja.
- (4) Filwaqt li jirrikonoxxi li l-għeluq bikri u d-dekummissjonar konsegwenti tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina b'żewġ unitajiet tar-reatturi tat-tip RBMK ta' 1 500 MW li ntirtu mingħand l-Unjoni Sovjetika, kellhom natura bla preċedent u għal-Litwanja kienu jirrappreżentaw piż finanzjarju eċċezzjonali mhux proporzjonat mad-daqs u mas-saħħa ekonomika tal-pajjiż, il-Protokoll Nru 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 iddikjara li l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-"Programm") għandha tissokta bla skossi u tiġi estiża wara l-2006, għall-perjodu tal-Perspettivi Finanzjarji li jmiss.
- (5) [Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-programm.]
- (6) Waqt l-implimentazzjoni tal-programm, jenħtieġ li jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza u s-sinerġiji mal-politiki u mal-programmi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Istrument għal Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari u d-Dekummissjonar stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill [XXX]⁴.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/71/oj>).

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/70/oj>).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) .../... li jistabbilixxi l-Istrument għal Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari u d-Dekummissjonar għall-perjodu 2028-2034 u li jħassar ir-Regolamenti (Euratom) 2021/100 u (Euratom) 2021/948 (ĠU, ..., ... ELI: ...).

- (7) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa ta' qafas finanzjarju pluriennali u ta' programmi tal-infiq tal-Unjoni li jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, bi qbil mal-oġettivi tal-Programm, u filwaqt li jkun żgurat l-għoti tal-allokazzjoni tal-baġit għall-perjodu 2028-2034 u biżżejjed prevedibbiltà għall-implimentazzjoni tal-baġit, jenħtieġ li l-finanzjament iqis, kif xieraq, il-ħtiġijiet ta' politika li dejjem qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fir-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill.
- (8) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ japplika għall-Programm. Jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet nonfinanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji.

⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (9) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95⁷, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁸ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939⁹, jenħtieġ li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu b'miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, il-kxif, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod żbaljat u, meta xieraq, bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰. F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kull persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkooopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj>).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292.15, 15.11.96, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj>).

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj>).

- (9A) Jenħtieġ li il-Programm jiġi implimentat bi trasparenza u responsabbiltà sħiħa fl-użu tar-riżorsi tal-Unjoni sabiex tiġi ppreżervata l-fiduċja pubblika fl-użu tal-fondi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet finanzjarji kollha li jirfdu kull fażi ta' implimentazzjoni jiġu ddokumentati u ġġustifikati b'mod trasparenti.
- (10) [Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament, regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u tal-attivitajiet tal-Unjoni, regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.]
- (11) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura tal-ġajnuna mill-Istat li tista' ssir fil-ġejjieni f'konformità mal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (12) Jenħtieġ li l-finanzjament skont dan ir-Regolament jikkonċentra fuq attivitajiet li jimplimentaw l-oġettivi tas-sikurezza tad-dekummissjonar.

¹¹ ĠU L., p.

- (13) Jenħtiegħ li l-Programm jinvolvi l-ħolqien ta' għarfien u l-kondiviżjoni tal-esperjenza, bl-objettiv li tali għarfien u għarfien espert jinżammu fl-Unjoni biex jissaħħu l-kompetittività industrijali, s-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika fis-settur tad-dekummissjonar nukleari. Jenħtiegħ li l-għarfien u l-esperjenza miksuba u t-tagħlimiet meħuda fil-kuntest tal-Programm b'rabta mal-proċess tad-dekummissjonar nukleari u tal-immaniġġjar tal-iskart jixterdu madwar l-Unjoni u lil hinn, ma' pajjiżi terzi fejn xieraq, f'konformità mal-politika u l-objettivi tal-Unjoni, b'koordinazzjoni u sinerġija mal-installazzjonijiet nukleari tal-Kummissjoni fis-siti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), għax miżuri bħal dawn iġibu l-akbar valur miżjud tal-Unjoni u jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-ħarsien tal-ambjent. Jenħtiegħ li l-ambitu, il-proċedura u l-aspetti ekonomiċi tal-kooperazzjoni jiġu dettaljati fil-programmi ta' ħidma pluriennali u jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal ftehimiet bejn l-Istati Membri jew bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.
- (13A) Jenħtiegħ li l-Programm jiżgura l-oġġla standards ta' protezzjoni mir-radjazzjoni għall-ħaddiema involuti f'attivitajiet ta' dekummissjonar u għall-pubbliku ġenerali u għall-ambjent, inkluż miżuri tas-saħħa u s-sikurezza, l-iżvilupp tal-ħiliet, u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, b'rispett sħiħ tal-liġijiet, l-istandards u l-prinċipju ta' prekawżjoni tal-Unjoni. Minħabba r-riskji potenzjalment severi u fit-tul assoċjati mal-installazzjonijiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, jenħtiegħ li l-attivitajiet kollha taħt il-Programm jevitaw li jqiegħdu piżijiet żejda għall-ġenerazzjonijiet futuri.

- (14) Jenħtieġ li l-JRC jiffaċilita d-disseminazzjoni tal-għarfien dwar id-dekummissjonar nukleari fost il-partijiet ikkonċernati differenti tal-Unjoni b'mod ikkoordinat, pereżempju billi jwettaq analiżi tas-suq, rieżamijiet u valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet tal-għarfien fl-Unjoni u, meta rilevanti, fpajjiżi terzi, filwaqt li jidentifika direzzjonijiet potenzjali għal kooperazzjoni, partijiet ikkonċernati interessati u sferi li fihom l-għarfien iġġenerat waqt l-implimentazzjoni tal-Programm jipprovdi l-akbar valur miżjud, u jiżviluppa formati għall-kondiviżjoni tal-għarfien. Jenħtieġ li d-disseminazzjoni tal-għarfien iġġeneratjiffinanzjaha l-JRC. Jenħtieġ li kwalunkwe Stat Membru jkun jista' jibda l-iżvilupp ta' rabtiet u ta' skambji għad-disseminazzjoni tal-għarfien. Meta rilevanti, skambji bħal dawn jistgħu jinvolvu lil pajjiżi terzi, f'konformità mal-interessi u l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, b'mod konsistenti u komplementari mal-azzjonijiet imwettqin skont ir-Regolament [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² [Ewropa Globali] u r-Regolament tal-Kunsill [XXX]¹³ [INSC-D]. Jenħtieġ li l-għarfien iġġenerat taħt il-Programm primarjament isahha il-kapaċitajiet tal-Unjoni. Jenħtieġ li kwalunkwe disseminazzjoni lil hinn mill-Unjoni tiżgura protezzjoni xierqa tal-interessi tas-sigurtà, tal-proprjetà intellettuali, tas-sensittività u tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u tat-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni.
- (15) Jenħtieġ li d-dekummissjonar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Ignalina jsir abbażi tal-aqwa għarfien espert tekniku disponibbli, u b'kunsiderazzjoni xierqa tan-natura u tal-ispeċifikazzjonijiet teknoloġiċi tal-installazzjonijiet li jridu jiġu ddekummissjonati, biex ikunu żgurati s-sikurezza u l-ogħla livell ta' effiċjenza possibbli, filwaqt li jitqiesu l-aqwa prattiki Ewropej u internazzjonali sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti tal-attivitajiet ta' dekummissjonar.

¹² ĠU L., p.

¹³ ĠU L., p.

- (16) Jenħtieġ li l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-Programm tiġi ottimizzata bi tnaqqis proporzjonat u riorganizzazzjoni tal-forza tax-xogħol li tkun qed taħdem fuq l-attivitajiet tad-dekummissjonar fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina. Fid-dawl tal-attivitajiet ta' żmantellar li jridu jsiru [bejn l-2028 u l-2034] u meta titqies l-għażla tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina li jesternalizza l-iżmantellar sħiħ taż-żoni ċentrali tax-xaft tar-reattur, jenħtieġ li t-tnaqqis tal-ħaddiema involuti fl-attivitajiet tad-dekummissjonar ikun immirat għal terz meta mqabbel mal-għadd ta' ekwivalenti full-time (FTE) fi tmiem l-2024. Fejn rilevanti, l-impjegati affettwati mir-riorganizzazzjoni tal-forza tax-xogħol u mill-proċess ta' esternalizzazzjoni jistgħu jiġu offruti aċċess immirat għal opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u riallokazzjoni.
- (17) Jenħtieġ li jkunu żgurati monitoraġġ u kontroll effettivi tal-evoluzzjoni tal-proċess tad-dekummissjonar mil-Litwanja u mill-Kummissjoni ħalli jkun żgurat l-oġġla valur miżjud tal-Unjoni tal-finanzjament allokat skont dan ir-Regolament, minkejja li r-responsabbiltà aħħarija għad-dekummissjonar tibqa' tal-Litwanja. Il-monitoraġġ u l-kontroll jinkludu kejl effettiv tal-progress, u l-promulgazzjoni ta' miżuri korrettivi meta meħtieġ. Għal dak il-għan, kumitat b'funzjonijiet ta' monitoraġġ u informazzjoni ġie stabbilit u kopresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni u tal-Litwanja, kif speċifikat fil-programmi ta' ħidma.
- (18) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi rrieżaminat l-ammont tal-appropriazzjonijiet allokat għall-Programm abbażi tar-riżultati tar-rapport ta' implimentazzjoni.

- (19) Jenħtieġ li l-attivitajiet kofinanzjati skont dan ir-Regolament jiġu identifikati fil-limiti stabbiliti mill-pjan tad-dekummissjonar ippreżentat mil-Litwanja skont ir-Regolament (Euratom) Nru 1369/2013¹⁴, u r-reviżjonijiet sussegwenti tiegħu. Il-pjan tad-dekummissjonar jiddefinixxi l-ambitu tal-Programm, l-istat aħħari u d-data tal-għeluq tad-dekummissjonar; ikopri l-attivitajiet tad-dekummissjonar, l-iskeda assoċjata tagħhom, u l-kostijiet u r-riżorsi umani meħtieġa. Meta rilevanti u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi Litwana jew f'perjodu taż-żmien iqsar, f'każ ta' xi avveniment sinifikanti li jħalli impatt fuq il-kontenut ta' dak il-pjan, jenħtieġ li l-Litwanja tippreżenta pjan tad-dekummissjonar aġġornat lill-Kummissjoni għall-kunsiderazzjoni tagħha waqt it-tnejjja tal-programmi ta' ħidma pluriennali.
- (20) Jenħtieġ li l-attivitajiet imwettqa fil-kuntest tal-Programm isiru bi sforz finanzjarju konġunt tal-Unjoni u tal-Litwanja. Għe stabbilit limitu massimu tal-kofinanzjament tal-Unjoni f'konformità mal-prattika tal-kofinanzjament stabbilita fil-programmi predeċessuri. Filwaqt li jitqiesu l-prattika ta' programmi komparabbli tal-Unjoni u l-ekonomija msaħħa tal-Litwanja, mill-bidu tal-Programm sat-tmiem tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, [jenħtieġ li r-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni ma tkunx oġhla minn 86 % tal-kostijiet eliġibbli.] Jenħtieġ li l-bqija tal-finanzjament jipprovduh il-Litwanja u sorsi oħra li mhumiex il-baġit tal-Unjoni, bħal istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u donaturi oħrajn.
- (21) Tqiesu kif xieraq ir-Rapport Speċjali Nru 22/2016¹⁵ tal-Qorti tal-Awdituri, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, u t-tweġiba tal-Kummissjoni.
- (21A) Ittieħdet nota tar-risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' [...] dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/101.

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill 1369/2013 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/101 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajjnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1369/oj>).

¹⁵ Rapport Speċjali Nru 22/2016 – "Programmi ta' għajjnuna tal-UE għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, fil-Bulgarija u s-Slovakkja: seħħ xi progress mill-2011 'il hawn, iżda sfidi kruċjali huma mistennija fil-ġejjieni", il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

- (22) Il-Programm jaqa' fl-ambitu tal-Programm Nazzjonali Litwan skont id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom.
- (23) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Programm, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (24) Jenħtieġ li l-metodi tal-implimentazzjoni u l-forom tal-finanzjament tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jilħqu l-oġettivi speċifiċi tal-attivitajiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni ta' nonkonformità. Dak jenħtieġ li jkun jinkludi kunsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
- (25) Il-Programm jissostitwixxi l-programm stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/101 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027. Għalhekk, dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi tassar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja ("il-Programm") [għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034].
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu [għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034], il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "dekummissjonar" tfisser miżuri amministrattivi u tekniċi li jippermettu t-tneħħija tal-kontrolli regolatorji kollha, jew ta' wħud minnhom, minn faċilità nukleari u li għandhom l-għan jiżguraw il-protezzjoni fit-tul tal-pubbliku u tal-ambjent, inkluż it-tnaqqis tal-livelli tar-radjonuklidi residwi fil-materjali u fis-sit tal-faċilità;
- (2) "pjan tad-dekummissjonar" tfisser id-dokument bl-informazzjoni dettaljata dwar id-dekummissjonar propost u li jkopri l-istrateġija tad-dekummissjonar magħżula; l-iskeda, it-tip u s-sekwenza tal-attivitajiet tad-dekummissjonar; l-istrateġija tal-immaniġġjar tal-iskart applikata, inkluż l-ikklijar; l-istat aħħari propost; il-ħżin u r-rimi tal-iskart mid-dekummissjonar; il-perjodu taż-żmien għad-dekummissjonar; l-istimi tal-kostijiet għat-tlestija tad-dekummissjonar; u l-oġġettivi, ir-riżultati mistennija, l-oġġettivi intermedji, id-dati ta' mira, kif ukoll l-indikaturi tad-dekummissjonar ewlenin korrispondenti, inkluż l-indikaturi bbażati fuq il-valur miksub. Il-pjan ħejjieh id-detentur tal-liċenzja tal-faċilità nukleari u hu rifless fil-programmi ta' ħidma pluriennali tal-Programm.

Objettivi tal-programm

1. Il-Programm għandu l-objettivi ġenerali li:

- (a) jassistiti lil-Litwanja fl-implimentazzjoni tad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina, b'enfasi speċifika fuq il-ġestjoni tal-isfidi tas-sikurezza radjoloġika u li tiġi ottimizzata l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-programm bi tnaqqis proporzjonat u riorganizzazzjoni tal-forza tax-xogħol;
- (b) jinħoloq għarfien dwar il-proċess tad-dekummissjonar nukleari u l-immaniġġjar tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-attivitajiet tad-dekummissjonar, u jingħataw prodotti ta' għarfien espliċiti dwar materji ta' governanza tad-dekummissjonar u tal-immaniġġjar tal-iskart, l-aqwa prattiki maniġerjali, l-isfidi teknoloġiċi u, jekk ikunu jistgħu jinkisbu, il-protokolli tas-saħħa u s-sikurezza għall-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali relatati mal-attivitajiet ta' dekummissjonar, b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni ambjentali u l-effetti negattivi fuq is-saħħa minn materjali radjuattivi.

L-għarfien imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jixtered fil-livell tal-Unjoni, u lil hinn, ma' pajjiżi terzi fejn xieraq, f'konformità mal-politika u l-objettivi tal-Unjoni, fl-oqsma rilevanti kollha, bl-iżvilupp ta' sinerġiji potenzjali tal-Unjoni, skont il-programm tal-Istrument għal Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari u d-Dekummissjonar (INSC-D), kif stipulat fl-Artikolu [X] tar-Regolament (Euratom) [XXX].

2. L-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jikkordina l-istruttura u d-disseminazzjoni tal-għarfien, imsemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), lill-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi fejn xieraq, f'konformità mal-politika u l-oġġettivi tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura protezzjoni adatta tal-interessi ta' sigurtà tal-Unjoni, il-proprjetà intellettuali, is-sensittività u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u t-tmexxija teknoloġika. Dawk l-attivitajiet għandhom jiffinanzjawhom il-programm INSC-D u l-Unjoni permezz ta' 100 % tal-kostijiet eliġibbli.
3. L-oġġettiv speċifiku tal-Programm għandu jkun li jwettaq l-inġinerija, l-iżmantellar u d-dekontaminazzjoni tat-tagħmir u tax-xaftijiet tar-reatturi tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Iġnalina f'konformità mal-pjan tad-dekummissjonar, inkluż l-immaniġġjar tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-attivitajiet tad-dekummissjonar, u li jkompli l-ġestjoni sikura tad-dekummissjonar u tal-iskart li ntiret.
4. Il-lista ta' attivitajiet li għandhom jitwettqu taħt il-Programm hija stipulata fl-Anness. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi f'aktar dettall il-kontenut tal-attivitajiet elenkati fl-Anness sabiex tikseb l-oġġettivi tal-Programm. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).

[Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 huwa stabbilit għal EUR 678 000 000 fi prezzijiet attwali.
2. L-impenji tal-baġit għal azzjonijiet li jkunu jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti parzjali annwali.

3. L-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni għal wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż neċessarji u biex jippermettu l-ġestjoni tal-azzjoni li ma tistax sa tmiem il-Programm.
4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemmi fl-Artikolu 5 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni u tal-viżibbiltà, inkluż il-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.]

Artikolu 5

Riżorsi addizzjonali

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. Riżorsi allokat li lill-Istati Membri b'għestjoni kondiviża jistgħu, meta jintalab minnhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn ir-riżorsi għandhom ikunu addizzjonali għall-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. Dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx daħlet għal impenn legali b'għestjoni diretta jew indiretta għal ammonti addizzjonali li jsiru disponibbli għall-Programm b'dan il-mod, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, meta jintalab mill-Istat Membru kkonċernat, jiġu trasferiti lura lejn programm sors rispettiv wieħed jew aktar.

Artikolu 6

Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni mingħand programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni mill-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. Il-proċeduri tal-ġhoti permezz tal-Programm jistgħu jsiru b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta minn Stati Membri, minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-Unjoni, minn pajjiżi terzi, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew minn partijiet terzi oħra ("sħab fil-proċedura tal-ġhoti konġunta"), diment li jkun żgurat il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali uniku. Għal dak l-għan, is-sħab għall-proċedura tal-ġhoti konġunta jistgħu jagħmlu r-riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura tal-ġhoti, meta applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fil-proċeduri tal-ġhoti konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab tal-proċedura tal-ġhoti konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Artikolu 7

Implimentazzjoni u forum ta' finanzjament tal-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'ġestjoni diretta jew indiretta mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c) ta' dak ir-Regolament.
2. Il-finanzjament tal-Unjoni permezz tal-Programm jista' jingħata bi kwalunkwe forma f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari, premijiet, akkwist, u donazzjonijiet mhux finanzjarji.

Artikolu 8

Eliġibbiltà

1. Għall-finanzjament tal-Unjoni għandhom ikunu eliġibbli biss attivitajiet li jimplimentaw l-oġettivi stipulati fl-Artikolu 3.
2. Il-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 jistgħu jispjefikaw f'aktar dettall il-kriterji tal-eliġibbiltà stipulati f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu kriterji tal-eliġibbiltà aktar dettaljati għal azzjonijiet speċifiċi biex ikun żgurat li jinkisbu l-oġettivi stipulati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Rati ta' kofinanzjament

Ir-rata massima ġenerali ta' kofinanzjament tal-Unjoni applikabbli permezz tal-Programm ma għandhiex tkun iżjed minn 86%. Il-bqija tal-finanzjament għandhom jipprovduh il-Litwanja u sorsi oħra li mhumiex il-baġit tal-Unjoni.

Artikolu 10

Programm ta' ħidma

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat bil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).
2. Il-programmi ta' ħidma għandhom ikunu jirriflettu l-pjan tad-dekummissjonar applikabbli li jrid iservi bħala l-linja bażi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm.

Artikolu 11

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Meta l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien għall-ġoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir hekk.

Artikolu 12

Tħassir

Ir-Regolament (UE) 2021/101 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

Artikolu 13

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika ta' azzjonijiet mibdija skont ir-Regolament (UE) 2021/101, li dak ir-Regolament għandu jkompli japplika għalihom sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) 2021/101.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

L-attivitajiet inklużi fil-pjan tad-dekummissjonar ippreżentat mil-Litwanja f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1369/2013, u r-reviżjonijiet sussegwenti tiegħu huma koperti taħt l-oġettiv speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(3), b'mod partikolari dan li ġej:

(I) L-iżmantellar tax-xaftijiet tar-reattur:

- (1) it-tlestija tal-iżmantellar u tad-dekontaminazzjoni taż-żoni ta' fuq u t'isfel (l-hekk imsejħa żona R1 u żona R2, rispettivament);
- (2) it-tlestija taż-żarmar tas-Separaturi taċ-Ċilindru tal-Istim;
- (3) Il-qalbiet tar-reatturi (imsejħa żona R3):
 - (a) l-iżmantellar tat-teknoloġija ddisinjata u liċenzjata;
 - (b) l-iżmantellar tat-tagħmir installat u operazzjonali;
 - (c) l-iżmantellar u d-dekontaminazzjoni taż-żona ċentrali tax-xiftijiet tar-reattur f'konformità mal-pjan tad-dekummissjonar; il-progress irid jitkejjel bil-kwantità u t-tip ta' materjali mneħħija kif ukoll permezz tal-valur miksub;
 - (e) il-faċilità tal-ħżin interim tal-iskart tar-reattur imħaddma.

(II) L-implimentazzjoni tal-programm ta' twaqqiġ tal-bini. Il-progress li jsir fir-rigward ta' dan l-oġettiv għandu jitkejjel mill-kwantità ta' bini mwaqqa' kif ukoll permezz tal-valur gwadanjat.

- (III) L-effiċjenza tal-programm tad-dekommissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina (INPP) għandu jkun ottimizzat, b'mod partikolari permezz ta'tnaqqis proporzjonat u riorganizzazzjoni tal-forza tax-xogħol (impjegati) involuta. Fid-dawl tal-attivitajiet tal-iżmantellar skedati u filwaqt li titqies l-għażla tal-INPP li jesternalizza l-iżmantellar kollu taż-żoni ċentrali tax-xaftijiet tar-reattur, it-tnaqqis fil-forza tax-xogħol involuta fl-attivitajiet tad-dekummissjonar għandu jkun immirat għal terz meta mqabbel mal-għadd ta' ekwivalenti full-time (FTE) fi tmiem l-2024. Fejn rilevanti, l-impjegati affettwati mir-riorganizzazzjoni u mill-proċess ta' esternalizzazzjoni jistgħu jiġu offruti aċċess immirat għal opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u riallokazzjoni. Il-progress għandu jitkejjel fir-rigward ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni speċifiċi, approvati fil-programmi ta' ħidma tal-implimentazzjoni.
- (IV) L-immaniġġjar sikur tal-iskart mid-dekummissjonar u tal-iskart ta' legat sal-ħżin jew sad-disponiment (skont il-kategorija tal-iskart), inkluż it-tlestija tal-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart, u r-repożitorju qrib is-superfiċe. Dan irid jitwettaq f'konformità mal-pjan tad-dekummissjonar, fir-reviżjoni finali tiegħu. Il-progress irid jitkejjel bil-kwantità u t-tip ta' skart maħżun jew mormi b'mod sikur, kif ukoll permezz tal-valur miksub.
- (V) It-tnaqqis tar-riskji radjoloġiċi. Il-progress irid jitkejjel permezz ta' valutazzjonijiet tas-sikurezza tal-attivitajiet u tal-faċilità, billi jiġu identifikati modi kif jistgħu jseħħu esponimenti potenzjali u jiġu stmati l-probabbiltajiet u l-firxa ta' dawk l-esponimenti potenzjali.

L-objettiv speċifiku stipulat fl-Artikolu 3(3) ma għandux ikopri d-disponiment tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv f'faċilità ta' rimi ġeoloġiku fil-fond, u l-finanzjament għat-twettiq ta' faċilità ta' rimi ġeoloġiku fil-fond.